# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ — DIĊEMBRU

L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1971

## ĠIEH LIL MIN JISTHOQQLU

*Nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru 1971, fl-Università Rjali ta' Malta kien hemm ċerimonja li nisslet hena u ferħ f'qalb kull Malti li jħobb ilsien pajjiżu. Fis-sala tal-librerija nkixfet irħama biex tfakkar żewġ kittieba, poeta u prożatur, li kienu minn ta' l-ewwel li tħabtu biex jaraw l-ilsien tagħna jieħu postu u sehmu fl-ogħla post tat-tagħlim f'Malta.*

*Dr. Rużar Briffa, B.Sc., M.D., u Dr. Ġużè Bonnici, B.Sc., M.D., kienu żewġ tobba li fl-1924 bdew il-kors fl-Università u ħadu l-lawrja fl-1931. It-tnejn ħarġu tobba għorrief; it-tnejn laħqu fil-Korp Akkademiku tal-Università; it-tnejn kellhom suċċess fil-karriera professjonali tagħhom, imma stħoqqu l-aqwa ġieh għall-ħidma tagħhom b'risq il-Malti, ħidma li twettqet matul ħajjithom, minn żgħużithom sa mewthom.*

*Meta huma daħlu studenti fl-Università sabu li l-ilsien Malti kien imwarrab biex ma ngħidux imżeblaħ. Kien hemm ftit studenti, li jingħaddu fuq is-swaba' ta' id waħda, li kienu wrew ġibda lejn il-Malti, iżda ma sabux ħlief tmaqdir u ħars ikrah. Madanakollu ż-żgħażagħ Bonnici u Briffa ma qatgħux qalbhom; huma mill-ewwel intefgħu bil-ħrara kollha u bil-ħeġġa taż-żgħużija biex iqajmu tqanqila favur l-ilsien nazzjonali fost l-istudenti tal-Università.*

*Dik il-ħabta l-Gżira tagħna kienet akkwistat l-awtonomija fil-Gvern, u l-Ministri malajr intebħu li ma kellhomx mezz aħjar mill-ilsien tal-poplu biex ifissru l-fehma tagħhom lill-poplu. Minn naħa tiegħu l-poplu kien beda jħoss li ma satax ifisser ruħu aħjar milli jitkellem b'ilsienu. Għaxar snin qabel kienet twaqqfet "Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", illum magħrufa bħala "Akkademja tal-Malti", biex tagħti sura xjentifika lill-kitba bil-Malti, u biex twitti t-triq li minnha kellu jgħaddi l-ilsien Malti fil-mixja rebbieħa tiegħu biex jilħaq fejn hu llum.*

*Dik ix-xejra ġdida ġibdet warajha lil kull min kellu sentiment nazzjonali, lil dawk li kellhom qalbhom taħraq bl-imħabba għal Din l-Art Ħelwa tagħna.*

*Briffa u Bonnici mħeġġin mill-fundaturi tal-"Għaqda", Ġużè Muscat Azzopardi, Dun Karm Psaila, Dun Pawl Galea, Ġanni*

*Vassallo, Ninu Cremona, Franġisku Saverju Caruana u oħrajn bħalhom, ġabru ma' dwarhom studenti oħrajn mixgħulin bl-istess fehma, u waqqfu "Il-Għaqda tal-Malti" fl-Università, li minnufih sabet l-appoġġ tal-"Għaqda tal-Kittieba", tant li din kienet offriet fl-1926 ħarġa speċjali tal-perjodiku tagħha "Il-Malti", lill-istudenti ta' l-Università biex jiktbu fih huma biss.*

*Hekk dawk l-istudenti ħabrieka sabu min jagħmlilhom il-qalb biex juru ruħhom bħala kittieba tal-Malti. Minn dak il-bidu ħanin telqet il-karriera letterarja ta' Bonnici u Briffa. Briffa kiteb versi li jgħaxxqu u jsaħħru lil min jaqrahom, u llum hu magħdud bħala wieħed fost l-aqwa poeti tagħna. Bonnici kiteb proża mirquma u ħarkiena li tgħaġġeb lill-qarrej, u llum hu miżmum bħala wieħed mill-prożaturi l-aktar magħrufin fil- letteratura Maltija. Tant għamlu isem fil-qasam letterarju li llum ħadd ma jiftakarhom bħala Dotturi tobba, imma bħala awturi, Rużar Briffa u Ġużè Bonnici.*

*"Il-Għaqda tal-Malti" li waqqfu Bonnici u Briffa mxiet 'il quddiem u kellha sehem fl-isvilupp ta' l-ilsien Malti fl-Università. Meta hi twieldet, l-ilsien Malti ma kellux ħliefha biex jidher fl-Università. Illum dan l-ilsien tagħna jgawdi post mhux anqas minn ilsna oħrajn; għandu l-kattedra tiegħu, għandu dipartiment għalih, u fuq kollox daħal mhux biss fil-klassijiet, imma wkoll fl-amministrazzjoni ta' dak l-ogħla Ċentru Akkademiku ta' pajjiżna.*

*Ma' l-ilsien Malti xxettlet u kibret "Il-Għaqda tal-Malti" fl-Università. Illum hi waħda mill-għaqdiet l-aktar attivi ta' l-Università, għandha l-perjodiku tagħha "Leħen il-Malti", il-Membri tagħha huma mimlijin ħrara u ħeġġa u l-ħidmiet tagħha jirfdu l-ħajja goljardika. Ħafna Membri tagħha rnexxew fil-professjoni tagħhom, għamlu isem u laħqu f'postijiet mill-ogħla, saru Kapijiet, Ministri u personalitajiet magħrufin fil-Gvern u fil-Knisja, bosta minnhom laħqu Membri Akkademiċi magħna, u tant hi sħiħa r-rabta li hemm bejn l-Akkademja tagħna u "Il-Għaqda tal-Malti" li din hi ikkonsidrata bħala l-anti-kamera tal-Akkademja.*

*Mela kien jixraq li l-Akkademja tagħna u "Il-Għaqda tal-Malti" jissieħbu flimkien biex inwaħħlu rħama b'tifkira lil żewġ Maltin li jistħoqqilhom kull ġieh mhux biss bħala kittieba imma wkoll bħala promoturi u difensuri tal-ilsien tagħna. Kienet ukoll turija sabiħa tar-Rettur li bħala Kap tal-Università, jilqa' t-talba tagħna u jqiegħed l-irħama mal-ħajt tal-librerija biex kull min jidħol hemm jiftakar fiż-żewġ kittieba sħabna; u fl-aħħarnett hu ta' min ifaħħar lis-Sinjurina Karmen Mikallef Buħaġar li ħadet sehem ukoll biex seħħet din it-tifkira.*